# Giuseppe Camilleri (1903 - 1976)

**Kitba ta' Joe Julian Farruġia**



Fil-ġranet tal-festi fil-bliet u rħula tagħna, fil-knejjes imżejnin bl-ogħna bċejjeċ ta' arti, jindaqqu bċejjeċ mużikali li jkunu merfugħin speċjalment għal dawk il-jiem sbieħ. L-orkestra tieħu post l-orgni ta' matul is-sena u l-ilħna tat-tenuri, baxxi u soprani jiżdiedu ma' dawk tal-kor f'melodiji sbieħ bħala ġieħ għall-qaddis patrun. Hafna mill-antifoni, innijiet u quddiesiet kantati huma xogħlijiet ta' kompożituri Maltin, bħalma kien is-Surmast Giuseppe Camilleri, li jibqgħu jitgawdew sena wara l-oħra.

Giuseppe Camilleri twieled f'Tas-Sliema nhar it-18 ta' Jannar 1903. Huwa kien il-kbir fost żewġt aħwa ta' Ferdinando u Ġużeppina mwielda Bonniċi. Oħtu mietet meta kellha biss 14-il sena.

Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola tas-St. Joseph u aktar tard fil-Liċeo. It-taħriġ mużikali ħadu l-aktar, kif mistenni, mingħand tal-familja.

Il-familja Camilleri għandha dixxendenza twila mużikali. Missier Giuseppe, Ferdinando, kien surmast u fost l-oħrajn kien waqqaf il-Banda ta' Stella Maris. Nannuh Vinċenzo kien surmast ukoll minbarra qraba oħrajn li għamlu isem fil-mużika Maltija. Mhux ta' b'xejn li l-mużika tiġri fid-demm tal-Camillerijiet.

Giuseppe beda jitgħallem il-mużika mingħand missieru u kompla mingħand kuġinuh Agostino u Giuseppe Abdilla biex ftit ftit sar organista u pjanista mfittex.

Ta' 23 sena, kien inħatar surmast tal-korijiet tat-Teatru Rjal u fl-1928 ħa taħt idejh il-Banda Stella Maris mingħand missieru. Barra minn hekk, minħabba li missieru kien *maestro di cappella*, mhux l-ewwel darba li kien jibgħat lilu meta jaħbtulu xi żewġ festi f'daqqa.

Meta f'Jannar ta' l-1929 kellha ssir il-quddiesa funebri tal-Kappillan tal-Ħamrun Dun Ġużepp Muscat, is-Surmast Ferdinando kien afda l-orkestra f'idejn ibnu Giuseppe li wera l-kapaċita` kbira tiegħu ma' dawk kollha preżenti.

Maż-żmien inħatar assistent direttur tat-Teatru Rjal u fl-1936 idderieġa l-opra *Mose`*. Bħala direttur kellu ħila joħroġ l-aħjar eżekuzzjoni anke meta kien ikollu riżorsi limitati, biex b'hekk xorta toħroġ il-qawwa mistennija mis-silta muzikali partikolari.

Fl-1937, kien maħtur surmast direttur tas-Soċjeta` Filarmonika La Valette u ma kienetx ħaġa faċli li jimla' l-vojt wara s-Surmast Cardenio Botti, li minbarra s-snin twal li għamel fir-riedni ta' l-istess banda, kien id-direttur fis-suċċess

ta' Como fl-1927. Giuseppe mill-ewwel kiseb l-ammirazzjoni tal-partitarji tal-banda speċjalment b'kompożizzjonijiet għall-banda bħal *Corale Religioso*, Dawl mit-Tempesta, xogħol għall-banda u l-kor iddedikat lil San Pawl u *Invocation* li kiteb għall-okkażjoni taż-żjara rjali f'Malta. Giuseppe dam jidderieġi l-Banda La Valette sa l-1968.



*1950: Giuseppe jakkumpanja lis-sopran Maria Caniglia u t-tenur Oreste Chircop fl-Orpheum*

Giuseppe kien ukoll it-tieni surmast tal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara.

Fil-kitba, Giuseppe kellu melodija qawwija, emozzjonali u effettiva ħafna kemm fil-mużika sagra kif ukoll f'dik għal fuq il-palk.

Ftit qabel il-gwerra kien ifforma l-*Malta Amateur Opera Company* b'kantanti u mużiċisti Maltin biss. Fost il-ħafna kompożizzjonijiet għall-palk li ħarġu mill-pinna ta' Giuseppe, wieħed isib opra bl-isem ta' *Monna Bianca* u operetta li jisimha *Shaltimar*, it-tnejn bi kliem ta' l-Avukat Ġorġ Żammit.

Wara l-mewt ta' missieru, Giuseppe wiret il-*Cappella Camilleri*. Minkejja li ġieli qabbad surmastrijiet oħrajn biex jgħinuh, fl-okkażjonijiet il-kbar kien dejjem jidderieġi hu. Huwa kien *maestro di cappella* f'ħafna knejjes imxerrdin madwar pajjiżna.

L-aktar xogħol sagru popolari tas-Surmastrijiet Camilleri huwa l-quddiesa solenni, magħrufa bħala l-quddiesa tas-*Sanctus* bit-trombi. Hemm min jgħid li Ferdinando, missier Giuseppe, kien beda dan ix-xogħol bħala quddiesa għal San Gejtanu. Maż-żmien, Giuseppe kompla fuqha u fost oħrajn kiteb il-famuż *Sanctus* tat-Trombi nnifsu.



*Giuseppe jidderieġi l-Banda La Valette fl-anniversarju tar-rebħa f'Como*

Fl-1950 kienet żaret Malta l-famuża sopran Maria Caniglia li flimkien ma' kantanti liriċi Maltin tat żewġ kunċerti fit-Teatru Orpheum fil-Gżira. Giuseppe kien akkumpanjaha fuq il-pjanu u l-kantanta Taljana kellha biss kliem ta' tifħir għall-professjonalita` u t-teknika interpretattiva kbira li sabet fis-surmast Malti.

Huwa żżewweġ lil Marija mwielda Falzon. Minn dejjem baqgħu joqgħodu f'Tas-Sliema, u kellhom sitt ulied li huma Violet, Aldo, Edwidge, Herman, Antoinette u Marlene. Kollha tgħallmu mużika iżda waqfu hemm. Giuseppe ma tantx kien jinkoraġġihom li bħalu jiddependu mill-mużika għall-għajxien.

Bħala karattru, Giuseppe kien raġel ta' paċenzja kbira, umli, raġel tal-familja, reliġjuż u bniedem li jagħmel kuraġġ lil kulħadd fit-tagħlim u l-karriera. Meta kien riesaq il-kunċert ta' Maria Caniglia fl-Orpheum, kien ħejja l-programm u fost oħrajn kien ipprepara silta biex ikantaha t-tenur Paul Asciak mas-sopran Taljana. Asciak ma kien għadu qatt ma kanta dik is-silta qabel u tliet ijiem ħass li kienu ftit wisq biex jitħarreġ fiha. Giuseppe ma qatgħalux qalbu, talbu jmur id-dar għandu biex jipprattikawha u meta waslet is-serata ħarġu bl-unuri.

Meta kien għadu tifel kien xi naqra mqareb ukoll. Darba fl-Iskola tas-St. Joseph kienu se jorganizzaw attivita` tal-karnival għall-bniet biss. Hu ried imur bilfors u ħa l-okkażjoni tat-tliet ijiem tal-bluha billi libes il-ħwejjeġ ta' oħtu u mar xorta. Oħtu għarfitu u kif saru jafu l-oħrajn kellu jaħrab minn fuq il-post.

Ċajta kien jaf japprezzaha u jagħmilha wkoll. Ġieli kien anke jkun fuq l-orgni l-knisja u jgħajjeb jew jinbex lil martu faċċata. U ġieli anke nduna l-qassis!

Għall-passatempi ftit kien ikollu ħin. L-isport ma tantx kien isegwih u l-ħin tiegħu kien kollu ddedikat għall-mużika. Bħala kompożituri kien jammira l-istil ta' Bellini. il-liriċiżmu f'Puċċini u l-melodija ta' Verdi.

F'Lulju, xahar biss qabel ma ħalla din id-dinja, Giuseppe kien mar, kif kien jagħmel kull sena, biex idoqq fil-festa tas-Sacro Cuor. Minħabba saħħtu kien impossibli li jitla' jdoqq fil-kor u għalhekk kien daqq fuq orgni ż-żgħir minn isfel. Dik kienet l-aħħar darba li daqq fil-pubbliku.



*Giuseppe mal-kor tar-Rigoletto fir-Radio City. Fiż-żewġ irkejjen ta' isfel tar-ritratt jidhru tnejn minn uliedu: Edwidge fuq ix-xellug u Aldo fuq il-lemin.*

Is-Surmast Giuseppe Camilleri miet nhar id-19 ta' Awissu 1976 fl-eta` ta' 73 sena. Waqt li kien qiegħed imut, ħsiebu kien ukoll fuq il-mużika. Minħabba li miet fi żmien il-festa ta' Stella Maris, meta darba minnhom beda jisma' l-isparar qal lil qrabatu: "Għidulhom li s-Sanctus mhux jinstema' bil-bombi." Kien inkwetat ukoll li mhux se jlaħħaq imur jidderieġi f'Santa Liena ta' Birkirkara.

Xi arkivji tal-kompożizzjonijiet tiegħu jinsabu fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina flimkien ma' xogħolijiet oħrajn tad-dixxendenti mużikali tiegħu; donazzjoni li kienet għamlet martu Marija.

Għal Giuseppe ssemmew żewġ toroq; waħda f'Birkirkara u oħra f'Ħal-Qormi, biex ma jintesew qatt ix-xogħlijiet u l-karriera ta' dan is-Surmast ġentlom.